MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2004

Rikors Numru. 756/2000/1

**Raymond Fiteni, Jeffrey Borg, Edward Sammut, Raymond Pace u George Muscat**

**vs**

**Chairman Korporazzjoni Enemalta**

Il-Qorti

Rat ir-rikors kostituzzjonali tar-rikorrenti Raymond Fiteni, Jeffrey Borg, Edward Sammut, Raymond Pace u George Muscat fejn ippremettew :-

Illi huma joqghodu fi Triq id-Deheb Fin u Triq ix-Xitwa, Hal-Qormi u li dawn meta applikaw ghas-servizz ta' l-elettriku matul l-ahhar tas-sena elf disa' mija seba' u disghin (1997) l-korporazzjoni intimata kienet gieghlet lir-

rikorrenti jhallsu kull wiehed u wahda minnhom mir-rikorrenti, is-somma ta’ seba’ mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm 738) li kienu jinkludu wkoll hamsin lira (Lm50) ghall-applikazzjoni fejn il-korporazzjoni intimata kienet gharrfet lir-rikorrenti li minhabba li kien hemm dsatax (19)-il unit, kien hemm bzonn li jigi installat feeder, li gie stmat jiswa madwar  erbatax il-elf lira maltin (Lm 14,000) u li ghalhekk proporzjonalment kull wahda kellha thallas l-ammont ta’ Lm 688 u Lm 50 applikazzjoni;

Illi ghalkemm l-atturi oggezjonaw ghall-hlas ta’ l-ammont mitlub huma gew imwissija mill-Korporazzjoni initmata li jekk kemm ‘il darba ma jhallsux fi zmien tlett xhur, il-Korporazzjoni intimata kienet serja twaqqalhom l-applikazzjoni taghhom ghas-servizz tad-dwal;

Illi huma hallsu dak mitlub u inqas minn sentejn wara, applikanti ohra fl-istess triq, fost id-dsatax (19) li applikaw ghall-servizz ta’ l-eletriku kienu mitluba ihallsu hamsin lira Maltin (Lm50) biss ghall-meter u inghatalhom s-servizz ta’ l-elettriku;

Illi inoltre l-istess Korporazzjoni intimata naqset li tinstalla l-imsemmi feeder u sallum ir-rikkorenti qed jiehdu l-provista ta’ l-elletriku b’mod provizorju;

Illi ghal dan l-agir diskriminatorju mill-Korporazzjoni intimata fil-konfront tar-rikorrenti gie pprezentat protest gudizzjarju fejn il-Korporazzjoni giet mizmuma responsabbli ghad-danni kollha;

Illi fil-kontro-protest, l-unika raguni li l-Korporazzjoni tat ghal din l-allegata diskriminazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti kienet principalment li r-rikorrenti hallsu ferm aktar minn haddiehor u dan b’ammonti ta’ aktar minn sitt mitt lira Maltin (Lm600) kull wiehed mill-applikant stante li skond l-Korporazzjoni initmata kienet bidlet ir-regolamenti u l-policies taghha;

Illi ghaldaqstant l-esponenti qed umilment jitolbu li din il-Qorti joghgobha tiddikkjara l-agir ta’ l-Korporazzjoni EneMalta tikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u

wkoll tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fuq bazi ta'diskriminazzjoni fil-konfront tal-esponenti, u ghalhekk wkoll qeghdin jitolbu li huma jigu kumpensati d-danni kollha kawzati lilhom, bl-interessi mid-data tal-protest gudizzjarju, u wkoll taghti kwalunkwe provediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa;

Rat ir-risposta tal-intimati Korporazzjoni EneMalta fejn gie sottomess:-

Illi preliminarjament, ir-rikors promotur fl-ismijiet premessi huwa irritwali u null, stante li ghad ma gewx esawriti l-proceduri ordinarji kollha spettanti lir-rikorrenti bil-ligi in kawtela tal-pretensjonijiet taghhom;

Illi fil-mertu ghandu jigi rilevat li fil-perjodu meta r-rikorrenti kienu applikaw ghas-servizz ta' provvista ta' elettriku ma' l-esponenti, ir-regolamenti li kienu in vigore gew applikati minghajr distinzjoni jew diskriminazzjoni  u di fatti r-rikorrenti kienu fost dawk li inghataw is-servizz tal-elettriku taht dik is-sistema;

Illi sussegwentement dawn ir-regolamenti gew mibdula u kull min ried japplika minn dak iz-zmien 'il quddiem kellu japplika taht is-sistema u r-regolamenti  l-godda;

Illi r-rikorrenti kienu lahqu applikaw taht is-sistema u r-regolamenti ta' qabel, u ghalhekk fiz-zmien li huma talbu ghas-servizz tal-elettriku, kienu gew applikati r-regolamenti in vigore f'dak l-istess zmien;

Illi assolutament m'huwiex minnu li l-korporazzjoni esponenti mxiet b'mod diskriminatorju mar-rikorrenti, anzi l-esponenti applikat ir-regolamenti li kienu 'in vigore' fiz-zmien in kwistjoni, kif gia' hawn fuq premess;

Ghalhekk il-korporazzjoni intimata ssottomettiet li ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, ir-rikors fl-ismijiet premessi huwa assolutament infondat sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, u ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhud prodott mill-korporazzjoni intimata;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Frar 2003 minn fejn jirrizulta li din il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari;

Ikkonsidrat:

Ir-rikorrenti Raymond Fiteni, Jeffrey Borg, Edward Sammut, Raymond Pace u George Muscat, fir-rikors promotur, jippremettu li huma joqghodu fi Triq id-Deheb Fin u Triq ix-Xitwa, Hal-Qormi u li meta huma applikaw sabiex jinghataw is-servizz ta' l-elettriku, l-korporazzjoni intimata talbet li kull wiehed minnhom ihallas is-somma ta' seba' mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm738) u cioe' l-ispiza involuta sabiex jitwassal l-elettriku diviza bejn in-numru ta' units li kienu ser jibbenifikaw minn tali servizz fit-toroq indikati. Ir-rikorrenti hallsu l-imsemmi ammont filwaqt li dawk li applikaw ghas-servizz warajhom gew mitluba ihallsu biss hamsin lira maltin (Lm50). Huma inoltre allegaw li l-Korporazzjoni intimata kienet naqset li tghamel ix-xogholijiet kif kien gie miftiehem u li kieneu qed jiehdu l-provista ta' l-elletriku b'mod provizorju. Ir-rikorrenti jallegaw li da parti tal-korporazzjoni intimata dan hu agir diskriminatorju fil-konfront taghhom. Ghalhekk ir-rikorrenti qed jitolbu li jigi dikjarat li l-imsemmi agir ta' l-Korporazzjoni intimata jikkostitwixxi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u wkoll tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fuq bazi ta'diskriminazzjoni u li huma jigu kumpensati d-danni kollha kawzati lilhom;
Il-korporazzjoni intimata fl-ewwel lok u preliminarjament qed teccepixxi li r-rikors promotur huwa irritwali u null stante li ma gewx esawriti l-proceduri ordinarji kollha spettanti lir-rikorrenti skond il-ligi. Hu ovvju li l-korporazzjoni intimata qed tinvoka hawn l-applikazzjoni tal-provedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni;

Ghandu jinghad mill-bidu nett li jidher li l-Korporazzjoni intimata talbet hlas ta' certu somma minnghand ir-rikorrenti u talbet somma inqas minn dawk li applikaw wara r-rikorrenti a bazi tar-regolamenti in vigore skond iz-

zminijet differenti. Ghalhekk huma r-regolamenti li huma a basi tat-talbiet differenti ghal hlas;

Ir-rikorrenti juru li huma mhux daqstant konvinti minn dina l-azzjoni taghhom. Dan qed jinghad in vista tal-fatt li huma jonqsu li jindikaw l-artikoli specifici tal-Kostituzzjoni u tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta li huma qed jallegaw li gew lesi fil-konfront taghhom;

Mill-ewwel hu evidenti, f'dan il-kaz, li n-natura tal-azzjoni li qed jittantaw ir-rikorrenti hi wahda civili u mhux ta' indole kostituzzjonali fejn irid jigi pruvat li gew lesi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kif sanciti dawn id-drittijiet fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea ghat-tutela tad-drittijiet fundamentali jew ahjar il-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti thoss li m'ghandix tiddilunga inutilment dawn il-konsiderazzjonijiet u ghandha tghaddi biex tiddikjara li ser tirriunzja li tesercita s-setghat taghha skond il-Kostituzzjoni;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-korporazzjoni intimata billi tiddikjara li, bl-applikazzjoni tal-provedimenti tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni, mhux ser tesercita s-setghat taghha skond il-provedimenti tal-istess sub-artikolu, u dana peress li hi sodisfatta li r-rikorrenti kellhom jew ghad ghandhom mezzi xierqa, skond il-ligi, ta rimedji ghall-ilmenti taghhom kif kontenuti fir-rikors promotur;

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------